

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Wien (l-Awstrija) fis-26 ta' Jannar 2018 – Skarb Pánstwa Rzeczpospolitej Polskiej – Generalny Dyrektor Dróg Krajowych i Autostrad vs Stephan Riel, li jaġixxi bħala amministratur stralċjarju fil-kuntest tal-proċedura ta' insolvenza kontra Alpine Bau GmbH**

(Kawża C-47/18)

(2018/C 142/39)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Wien

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Skarb Pánstwa Rzeczpospolitej Polskiej – Generalny Dyrektor Dróg Krajowych i Autostrad

*Konvenut:* Stephan Riel, bħala amministratur stralċjarju fil-kuntest tal-proċedura ta' insolvenza kontra Alpine Bau GmbH

**Domandi preliminari**

**Domanda 1**

L-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ir-Regolament Brussell I bis) <sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li azzjoni għal dikjarazzjoni ta' kreditu skont id-dritt Awstrijaku tikkonċerna l-insolvenza fis-sens tal-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament Brussell I bis u li hija, konsegwentement, eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' dan ir-regolament?

**Domanda 2a** (unikament fil-każ ta' risposta affermattiva għad-Domanda 1)

L-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ir-Regolament Brussell I bis) għandu jiġi applikat b'analoġija għal azzjonijiet relatati li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1346/2000?

**Domanda 2b** (unikament fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda jew fil-każ ta' risposta affermattiva għad-Domanda 2a):

L-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ir-Regolament Brussell I bis) għandu jiġi interpretat fis-sens li talba li għandha l-istess suġġett u l-istess kawża titressaq bejn l-istess partijiet meta kreditur – ir-rikorrenti – , li jkun invoka kreditu identiku (essenzjalment) fil-proċedura ta' insolvenza prinċipali Awstrijaka u fil-proċedura ta' insolvenza sekondarja Pollakka, liema kreditu ġie kkontestat (essenzjalment) mill-amministraturi stralcjarji kkonċernati, jippreżenta, l-ewwel fil-Polonja kontra l-amministratur stralċjarju tal-proċedura sekondarja Pollakka, sussegwentement fl-Awstrija kontra l-amministratur stralċjarju tal-proċedura prinċipali – il-konvenut – azzjonijiet għal dikjarazzjonijiet ta' kreditu ta' ċertu ammont?

**Domanda 3a:**

L-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment [insolvenza] <sup>(2)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li jkun issodisfa r-rekwiżit relatat mal-indikazzjoni tan-“natura tat-talba, id-data li fiha din tkun saret u l-ammont tagħha” – bħala f'dan il-każ – il-kreditur li għandu s-sede tiegħu fi Stat Membru għajr l-Istat ta' ftuħ tal-proċeduri – ir-rikorrenti –

- a) li jillimita ruġu, fid-dikjarazzjoni ta' kreditu tiegħu fil-proċedura ta' involvenza prinċipali, li jiddeskrivi l-kreditu billi jindika ammont konkret, iżda mhux id-data li fiha tniessel (billi juża pereżempju t-termini "kreditu tas-subappaltatur JSV Sławomir Kubica fir-rigward tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet fit-toroq")
- b) u li, għalkemm ebda data ta' tniessel tal-kreditu ma hija indikata fid-dikjarazzjoni stess, data ta' tniessel tista' madankollu tiġi dedotta mill-annessi mehmuża mad-dikjarazzjoni ta' kreditu (pereżempju, abbażi tad-data li tidher fil-fattura prodotta)?

### Domanda 3b:

L-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment [insolvenza] għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali iktar favorevoli, *in concreto*, lill-kreditur li jiddikjara li għandu s-sede tiegħu fi Stat Membru għajr l-Istat ta' ftuħ tal-proċeduri – fir-rigward, pereżempju, tar-rekwiżit tal-indikazzjoni tad-data ta' tniessel tal-kreditu?

<sup>(1)</sup> ĠU 2012, L 351, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 191.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fid-29 ta' Jannar 2018 – Antonio Pasquale Mastromartino vs Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)**

**(Kawża C-53/18)**

(2018/C 142/40)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Antonio Pasquale Mastromartino

Konvenuta: Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)

### Domandi preliminari

- 1) Il-funzjoni tal-aġent marbut (tied aġent) tidħol fl-armonizzazzjoni pprovduta mid-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004<sup>(1)</sup>, u għal liema aspetti?
- 2) Regola nazzjonali, bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu 55(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998 (Test uniku tad-dispożizzjonijiet dwar l-intermedjazzjoni finanzjarja, skont l-Artikoli 8 u 21 tal-Liġi Nru 52 tas-6 ta' Frar 1996), u mill-emendi suċċessivi, kif ukoll mill-Artikolu 111(2) tad-deliberazzjoni tal-Commissione Nazionale per le Società e la Borsa – Consob Nru 16190 tad-29 ta' Ottubru 2007 (Regolament li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998 dwar l-intermedjarji) tipprekludi l-applikazzjoni korretta tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004, u b'mod partikolari tal-Artikoli 8, 23 u 51 tagħha, kif ukoll tal-prinċipji u tar-regoli tat-Trattati dwar in-nondiskriminazzjoni, il-proporzjonalità, il-libertà ta' provvista ta' servizzi u d-dritt ta' stabbiliment, liema regola:
  - a) tippermetti li jiġi pprojbit "diskrezzjonalment" l-eżerċizzju tal-attività ta' "aġent marbut" (konsulent awtorizzat sabiex joffri servizzi barra mill-uffiċċji tal-impriża – ex promotur finanzjarju) fir-rigward ta' fatti li ma jimplikawx it-telf ta' reputazzjoni tajba, kif iddefinita mid-dritt intern, u li fl-istess ħin ma jirrigwardawx l-osservanza tar-regoli li jimplimentaw tad-Direttiva;